# Il-Ħadd 03.04.2016

1. Illum 03/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**:
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni;
   - Fil-6:00pm - Quddiesa.

2. Mit-Tnejn 04/04 jibda it-Tberik fil-Familji. Segwu il-programm fuq il-fuljett 'Flimkien': Din il-ġimgħa jmiss:-
   - It-Tnejn 4/04: Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq (in-naħa ta' Dun Karm)
   - It-Tlieta 5/04: Triq iż-Żurrieq (in-naħa tas-Sorijiet), Triq Dun Karm Lia
   - L-Erbgħa 6/04: Triq l-Iskola (minn Triq iż-Żurrieq lejn Triq in-Nassaba), Triq in-Nassaba, Triq Salvu Cauchi
   - *Il-Ħamis ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 8/04: Triq il-Kuċċard, Triq it-Tellerit, Triq is-Summien.

   ***IMPORTANTI***
   - It-Tberik jibda għall-4:15pm.
   - Mhux il-każ li tlestu ikel jew xorb.
   - Aktar milli d-dar u l-għamara, ta' min jara li l-membri kollha tal-familja jkunu preżenti u fi spirtu ta' ġabra adatt għall-mument ta' talb.
   - Biex ħadd ma jistenna bla bżonn, iż-żjara u t-tberik l-aħjar li jdum massimu ta' 10 minuti.
   - Jekk xi ħadd ikun jixtieq ikellem lill-kappillan/saċerdot aktar fit-tul, tiddejjaqx titlob appuntament ieħor, barra mill-ħin tat-tberik.
   - Jekk xi ħadd ma jkunx jista' meta indikat, tajjeb li jikkuntattja lill-kappillan biex jinstab jum u ħin alternattiv.
   - Jekk ser tagħtu xi donazzjoni, kunu afu li biha ser tkunu qed tgħinnu fir-Restawr tan-niċċa u l-bankun ta' San Pawl u fil-manutenzjoni tal-knisja.

3. Is-Sibt 09/04:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl, Ħal Safi. Inħeġġeġ lil kulmin jista' biex jattendi.

4. Avviżi oħra:
   - Il-Kunsill Lokali javża li l-Ħadd 10/04, wara l-quddiesa tal-10:00am, fil-Pjazza tal-Knisja ser isir ir-*reanactment* tal-Wasla ta' Sir Alexander Ball f'Ħal Safi u l-Battalja bejn il-Maltin u l-Ingliżi kontra l-Franċiżi. Min jixtieq li jieħu sehem jista' jiġbor kostum mill-Kunsill Lokali.